# Djar imġarrfa

Niżlet mill-għoli l-Mewt, u ġarrfet f'daqqa
Dak li, fis-sliem, kien l-għaxqa tal-bnedmin:
Id-djar, il-ġonna, t-toroq, kollox twaqqa';
U taħt id-djar, u fuq id-djar, mejtin

F'tgħanniqa waħda n-nies. M'għadhiex titlaqqa'
L-kotra fil-misraħ sabiex tqatta' l-ħin,
L-anqas fit-tieqa l-omm ma tidher traqqa'
Il-biċċtejn ħwejjeġ ta' wliedha ċkejknin.

Ħemda ta' qabar. Skiet, tiġrif u dmija;
Għajnejn ta' nies fl-aħħar raqda magħluqa;
Iġsma bla ħajja, mbiċċra, fl-art mitluqa.

U nistħajjel li qed nara l-Mewt mgħobbija
B'dawk il-ħajjiet, taħt it-toqol imgerba
Sejra qajl qajl, miexja fid-dlam u l-ħerba.

Ġużè Chetcuti.